# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jirregola organizzazzjonijiet volontarji u l-amministrazzjoni tagħhom*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

## TAQSIMA I

## PRELIMINARI

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2006 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda' jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-politika soċjali jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra: Tifsiriet.

"amministratur" tfisser persuna maħtura biex tikkontrolla, tissorvelja jew tamministra organizzazzjoni, u tinkludi gvernatur, direttur, *trustee*, jew membru ta' kumitat jew kull persuna oħra li twettaq funzjonijiet bħal dawk ukoll jekk tkun magħrufa taħt isem ieħor, iżda ma tkunx tinkludi *manager* jew xi uffiċjal eżekuttiv

waqt li jkun qiegħed iwettaq funzjonijiet taħt kuntratt bi ħlas ħlief sakemm huwa jkun amministratur u dan biss għar-rigward tal-funzjonijiet tiegħu bħala amministratur;

"Bord ta' l-Appell" tfisser il-bord stabbilit skond l-artikolu 23 jew kull bord jew tribunal amministrattiv ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jinnomina biex iwettaq il-funzjonijiet kollha jew xi waħda minnhom imsemmija f'dan l-Att;

"filantropiku" tfisser it-taffija tal-faqar, uġigħ u tbatija, kif ukoll ħtiġiet umanitarji oħra;

"Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji" tfisser il-fondazzjoni mwaqqfa bl-artikolu 37;

"fondazzjoni pija" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 6 tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili;

Kap. 16.

"ġabra pubblika" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Ġbir Pubbliku:

Kap. 279.

Iżda għall-finijiet ta' dan l-Att, il-frażi "pubbliku", fil-kuntest ta' ġbir, ma għandhiex tinkludi lill-fundaturi, membri jew donaturi eżistenti ta' organizzazzjoni volontarja, ukoll jekk dawn ikunu numerużi, lanqas m'għandha tinkludi grupp ta' anqas minn ħamsin persuna li jingħaddu xi darba jew oħra;

"kontrollat mill-Gvern" tfisser li l-Gvern ta' Malta jkollu s-setgħa, kemm diretta kemm indiretta, li jaħtar, jibdel jew ineħħi l-maġġoranza ta' l-amministraturi ta' xi organizzazzjoni;

"il-Kummissarju" tfisser il-persuna maħtura bis-saħħa ta' l-artikolu 5;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat imwaqqaf bl-artikolu 35;

"li ma tagħmilx profitt" tintuża fir-rigward ta' organizzazzjoni meta:

(a) l-istatut ta' l-organizzazzjoni jkun fih esklużjoni speċifika ta' l-iskop li jsiru profitti; u

(b) ikun hemm disposizzjoni espressa fl-istatut li tiddefinixxi l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni li ma jinkludux

il-promozzjoni ta' interessi privati, minbarra xi interess privat li jkun skop soċjali; u

(ċ) ebda parti mid-dħul, kapital jew proprjetà ma tkun disponibbli kemm direttament kemm indirettament għal xi promotur, fundatur, membru, amministratur, donatur jew xi interess privat ieħor:

Iżda jekk promotur, fundatur, membru, amministratur jew donatur ikun organizzazzjoni oħra li ma tagħmilx profitt iskritta, il-limitazzjoni li tinsab fil-paragrafu (ċ) m'għandhiex tkun tapplika sakemm id-disponibilità ta' dak id-dħul, kapital jew proprjetà tkun bla ħsara għal kondizzjonijiet li jkunu konsistenti ma' l-iskopijiet ġenerali ta' l-organizzazzjoni konċedenti:

Iżda wkoll organizzazzjoni għandha tibqa' titqies bħala waħda li ma tagħmilx profitt minkejja li:

(i) tirċievi qligħ pekunjarju mill-attivitajiet tagħha meta dak il-qligħ ma jkunx riċevut jew ikkreditat lill-membri tagħha iżda jiġi esklużivament utilizzat għall-iskop li tkun twaqqfet għalih;

(ii) tixtri jew tbigħ jew xort'oħra tinnegozja oġġetti jew servizzi meta dawk l-attivitajiet ikunu esklużivament relatati ma' l-iskopijiet prinċipali tagħha;

(iii) tkun imwaqqfa għad-divertiment ġenerali, passatemp, edukazzjoni jew benefiċċju simili ieħor tal-membri tagħha; jew

(iv) tkun imwaqqfa għall-promozzjoni tar-rwol soċjali, l-etika, l-edukazzjoni u l-valuri ta' xi negozju jew professjoni sakemm b'dan ma jiġux promossi l-interessi privati tal-membri tagħha;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

"organizzazzjoni temporanja" tfisser organizzazzjoni mwaqqfa bi skop speċifiku li jista' jinkiseb f'inqas minn sena kif provdut bl-artikolu 16;

"organizzazzjoni volontarja" tfisser fondazzjoni, *trust*, assoċjazzjoni ta' persuni jew organizzazzjoni temporanja li tikkwalifika taħt l-artikolu 3;

"promotur" tfisser persuna li tippromwovi t-twaqqif ta' organizzazzjoni jew li tippreżenta ruħha b'dak il-mod quddiem terzi;

"Registratur għal Persuni Legali" tfisser ir-Registratur responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili;

Kap. 16.

"settur tal-volontarjat" tinkludi organizzazzjonijiet volontarji, voluntieri, donaturi li jagħmlu għotjiet volontarji ta' flus jew assi lil organizzazzjonijiet volontarji, benefiċjarji tas-servizzi ta' voluntieri u ta' organizzazzjonijiet volontarji u amministraturi ta' organizzazzjonijiet bħal dawk;

"skop soċjali" tfisser kull skop ta' karità jew filantropiku, u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, tinkludi:

(a) l-avvanz ta' l-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni fiżika u l-isports;

(b) l-avvanz tar-reliġjon;

(ċ) l-avvanz tas-saħħa;

(d) l-avvanz soċjali u komunitarju;

(e) l-avvanz tal-kultura, l-arti u l-patrimonju nazzjonali;

(f) l-avvanz tal-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent, inkluż il-ħarsien ta' l-annimali;

(g) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, id-demokrazija u r-rikonċiljazzjoni;

(h) il-promozzjoni jew il-ħarsien ta' l-interessi ta' organizzazzjonijiet oħra bi skop soċjali, inklużi federazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet bħal dawk; jew

(i) kull skop ieħor li jista' jkun ordnat mill-Ministru b'regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' dan l-Att;

"skop ta' karità" tfisser skop soċjali;

"statut" tfisser l-istrument kostituttiv ta' organizzazzjoni u jinkludi testment li jkun jipprovdi għat-twaqqif ta' organizzazzjoni bħal dik;

"*trust* ta' karità" tfisser *trust* kif imfisser fl-Att dwar *Trusts* u *Trustees* imwaqqaf għal skop soċjali; Kap. 331.

"volontarja" fil-kuntest ta' organizzazzjoni volontarja tfisser l-eżistenza ta' xi wieħed jew iżjed minn dawn l-elementi li ġejjin:

(a) il-kontroll sħiħ ta' l-organizzazzjoni jkun eżerċitat minn amministraturi li ma jirċievu ebda rimunerazzjoni għas-servizzi tagħhom talli jkunu qegħdin iwettqu l-funzjonijiet ta' amministraturi ħlief skond ma hu permess hawn iktar 'l isfel;

(b) l-organizzazzjoni tinħoloq bid-dotazzjoni ta' għotjiet volontarji u gratuwiti u l-affarijiet ta' l-organizzazzjoni jkunu sostnuti, għall-inqas f'parti minnhom, minn dawk l-għotjiet volontarji jew gratuwiti jew minn servizzi li jingħataw fuq bażi volontarja;

(ċ) bla ħsara għal limitazzjonijiet dovuti għax-xorta jew għad-daqs ta' l-organizzazzjoni u bla ħsara għal xi diskrezzjoni li tista' tiġi eżerċitata skond ma hemm imniżżel fl-istatut ta' l-organizzazzjoni mill-amministraturi jew minn kumitat magħmul mill-membri, kull persuna tkun tista' tissieħeb ma' l-organizzazzjoni jew tipparteċipa fl-attivitajiet ta' l-organizzazzjoni; u

(d) kull parteċipant fl-organizzazzjoni għandu d-dritt li jitlaq liberament mill-organizzazzjoni:

Iżda:

(i) kemm-il darba l-istatut ma jkunx jipprovdi xort'oħra, l-amministraturi jistgħu jirċievu onorarju raġonevoli għas-servizzi li jagħtu sakemm il-ħlas ta' dak l-onorarju ma jkunx materjalment jippreġudika l-kisba ta' l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni volontarja;

(ii) ir-rimunerazzjoni ta' persuni li huma impjegati biex iwettqu funzjonijiet ta' amministrazzjoni, dawk eżekuttivi jew ta' ġbir ta' fondi fir-rigward ta'

organizzazzjoni volontarja m'għandhomx ikunu tali li materjalment jippreġudikaw il-kisba ta' l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni volontarja; u

(iii) l-organizzazzjoni tista' tirrimborża dawk l-ispejjeż raġonevoli li jsiru minn amministraturi, *managers*, uffiċjali eżekuttivi, voluntieri u persuni oħra li jkunu jappoġġaw l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni;

"voluntier" tfisser persuna li tipprovdi servizzi mhux bi ħlas permezz ta' organizzazzjoni volontarja jew għaliha.

(2) Kemm-il darba ma jiġix espressament imfisser minn xi liġi oħra jew ir-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra, il-frażijiet "karità", "ta' karità", "mhux għal profitt", "li ma tagħmilx profitt", "filantropika", "skop soċjali", "volontarja" u "organizzazzjoni volontarja", u varjanti jew derivattivi tagħhom meta dawn jiġu użati f'liġijiet oħra, għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom b'dan l-Att.

Kap. 16.

(3) Ir-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni volontarja bħala persuna ġuridika kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili m'għandhiex timplika iskrizzjoni ta' dik l-organizzazzjoni skond dan l-Att.

(4) L-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja taħt dan l-Att ma timplikax:

(a) li l-organizzazzjoni għandha personalità ġuridika; jew

Kap. 16.

(b) li tkun organizzazzjoni reġistrata, kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili; jew

(ċ) li r-responsabbiltà ta' l-amministraturi tagħha li taqa' taħt il-liġijiet li japplikaw tkun b'xi mod milquta.

## TAQSIMA II

## ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI

Tifsira ta' organizzazzjoni volontarja.

**3.** (1) Organizzazzjoni volontarja hija organizzazzjoni li tkun inħolqot jew twaqqfet -

(a) għal skop leġittimu;

(b) bħala li ma tagħmilx profitt; u

(ċ) li jkollha element volontarju,

kemm jekk tkun reġistrata jew reġistrabbli bħala persuna ġuridika kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, kemm jekk ma tkunx, u sew jekk tkun iskritta skond dan l-Att, sew jekk ma tkunx. Kap. 16.

(2) L-organizzazzjonijiet volontarji huma indipendenti u awtonomi mill-Gvern u organizzazzjonijiet bħal dawk għandu jkollhom l-istatus tagħhom rispettat mill-Gvern f'kull żmien.

(3) Organizzazzjonijiet li jkunu mwaqqfa u ikkontrollati mill-Gvern u li jkunu ġew imwaqqfa bi skop soċjali u li ma jkunux jagħmlu profitt għandhom jikkwalifikaw għall-iskrizzjoni skond dan l-Att sakemm dawn ma jkunux aġenziji pubbliċi mwaqqfa mill-Gvern bi skop li jiġġestixxu l-amministrazzjoni.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-Att, organizzazzjoni volontarja ma tistax titwaqqaf bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala soċjetà kummerċjali mwaqqfa taħt l-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

(5) *Trusts* imwaqqfin jew rikonoxxuti skond l-Att dwar *Trusts* u *Trustees* għandhom jikkwalifikaw bħala organizzazzjonijiet volontarji biss meta dawn ikunu mwaqqfin bħala *trusts* ta' karità. Kap. 331.

Privileġġi ta' organizzazzjonijiet volontarji.

**4.** (1) Kull organizzazzjoni volontarja tista' tapplika biex tiġi iskritta mal-Kummissarju u, ġaladarba iskritta, u bla ħsara għall-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-liġi li jkunu japplikaw, tista' tgawdi mill-privileġġi kontemplati f'dan l-Att u minn kull regolament maħruġ taħtu.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, organizzazzjoni volontarja li tkun reġistrata kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili u li tkun iskritta skond dan l-Att, tista' tagħmel ġbir pubbliku mingħajr ebda awtorizzazzjoni oħra. Kap. 16.

(3) Organizzazzjoni volontarja li tkun iskritta skond dan l-Att iżda li ma tkunx reġistrata kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, tista' tagħmel ġbir pubbliku biss wara li tkun kisbet l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju, iżda hija ma tkun teħtieġ ebda awtorizzazzjoni oħra skond l-Att dwar il-Ġbir Pubbliku: Kap. 16. Kap. 279.

Iżda l-Kummissarju għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu bil-miktub għal kull ċaħda ta' talba għal awtorizzazzjoni li ssir skond dan is-subartikolu.

(4) Organizzazzjonijiet li m'humiex iskritti skond dan l-Att ma jistgħux jieħdu sehem fi ġbir pubbliku u għandhom ikunu responsabbli li jroddu lura dawk il-flejjes li setgħu nġabru bi ksur ta' dan l-artikolu lid-donaturi ta' dawk il-flejjes jew lill-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji, meta d-donaturi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, fi żmien sitt xhur minn meta jkun sar il-ġbir.

(5) Organizzazzjoni iskritta tista':

(a) tirċievi jew tkun il-benefiċjarja ta' għotjiet, *sponsorships* jew għajnuna finanzjarja oħra mill-Gvern, minn entità kontrollata mill-Gvern jew mill-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji;

(b) tkun il-benefiċjarja ta' kull politika li tappoġġa l-azzjoni volontarja skond ma' din il-politika tista' tiġi żviluppata mill-Gvern;

(ċ) tirċievi jew tkun il-benefiċjarja ta' eżenzjonijiet, privileġġi jew drittijiet oħra skond xi liġi;

(d) tkun parti f'kuntratti u rabtiet oħra, kemm jekk tingħata kemm jekk ma tingħatax rimunerazzjoni, biex tagħti servizzi bil-għan li jinkiseb l-iskop soċjali tagħha wara talba li ssir mill-Gvern jew minn xi entità kontrollata mill-Gvern:

Iżda jkun meħtieġ il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Ministru jekk il-Gvern, jew xi entità kontrollata mill-Gvern, ikunu bi ħsiebhom jagħmlu xi att li jkun jinvolvi l-azzjonijiet fil-paragrafi (a), (b) u (d) f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi organizzazzjoni volontarja li ma tkunx iskritta skond dan l-Att u, jekk jonqos milli jsir dan, l-azzjonijiet ikunu soġġetti għal revoka minkejja l-pattijiet li jkun fihom:

Iżda wkoll meta xi liġi jew regolament, jew xi eżenzjoni Ministerjali jew avviż li joħroġ minnhom, li jkun fis-seħħ fid-data meta jidħol fis-seħħ dan l-Att ikunu jagħtu xi benefiċċju, eżenzjoni jew privileġġ, dawn għandhom jibqgħu jiġu gawduti sakemm jiġu mħassra u meta kuntratt jew rabta tkun diġà fis-seħħ f'dik id-data, dawn m'għandhomx jiġu affettwati qabel ma dawn jiġu mwettqa jew terminati.

(6) L-organizzazzjonijiet volontarji li ġejjin ikollhom jedd igawdu l-privileġġi taħt dan l-Att minkejja li ma jkunux ġew reġistrati skond dan l-Att:

(a) organizzazzjonijiet volontarji internazzjonali mwaqqfa permezz ta' xi trattat internazzjonali li huma eżentati b'xi liġi speċjali milli jkunu soġġetti għar-reġistrazzjoni;

(b) organizzazzjonijiet volontarji li jiġu ddikjarati mill-Ministru b'regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' dan l-Att, wara konsultazzjoni mal-Kunsill, bħala li jkollhom jedd għall-privileġġi taħt dan l-Att.

(7) L-organizzazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu iskritti permezz tal-proċedura ta' avviż li tinsab fl-artikolu 13:

(a) fondazzjonijiet piji regolati mill-awtorità reliġjuża rilevanti; jew

(b) organizzazzjonijiet volontarji li jkunu reġistrati skond xi liġi li tipprovdi dwar regolatur għal organizzazzjonijiet bħal dawk u l-attivitajiet li huma jagħmlu; jew

(ċ) organizzazzjonijiet volontarji li jkunu membri ta' federazzjoni jew ta' xi assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet li tkun ġiet approvata mill-Kummissarju bħala waħda li tista' tirregola lill-membri tagħha sa tali livell li jkun wieħed aċċettabbli għall-Kummissarju u li, jekk il-federazzjoni jew l-assoċjazzjoni nnifisha tkun organizzazzjoni volontarja, din għandha tkun iskritta skond dan l-Att:

Iżda proċedura ta' avviż bħal dik m'għandhiex tkun disponibbli għal dawk l-organizzazzjonijiet imsemmija f'dan is-subartikolu jekk ikunu qegħdin jirċievu ħamsin fil-mija jew aktar mill-qligħ tagħhom ta' kull sena permezz ta' għotjiet, donazzjonijiet, *sponsorships* jew għajnuna finanzjarja oħra mingħand:

(i) membri tal-pubbliku; jew

(ii) organizzazzjonijiet privati; jew

(iii) il-Gvern jew entitajiet kontrollati mill-Gvern; jew

(iv) organizzazzjonijiet oħra bi skop soċjali jew li ma jagħmlux profitt.

(8) Il-Gvern, id-dipartimenti tal-gvern, l-aġenziji pubbliċi u l-entitajiet kontrollati mill-Gvern għandhom iqisu Ċertifikat ta' Iskrizzjoni maħruġ skond l-artikolu 14 bħala prova ta' l-istatus ta'

organizzazzjoni bħala organizzazzjoni volontarja u ma għandhom jitolbu ebda prova oħra dwar l-eżistenza jew l-istatus tagħha meta jkunu qegħdin jittrattaw ma' organizzazzjoni bħal dik:

Iżda ċertifikat bħal dak m'għandu jimplika ebda eżenzjoni ta' organizzazzjoni bħal dik minn xi proċedura, dmir, obbligu, responsabbiltà, dritt jew ħlas kemm-il darba dan ma jiġix espressament dikjarat fil-liġi, regolament jew politika li tkun tapplika skond il-każ.

## TAQSIMA III

## IL-KUMMISSARJU GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI

Ħatra ta' Kummissarju.

**5.** (1) Għandu jkun hemm Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji li jiġi maħtur mill-Ministru għal dak il-għan, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew ma' kull kumitat ieħor li għad jista' jidħol minfloku.

(2) Il-Kummissarju għandu jinħatar għal perijodu ta' tliet snin u jista' jerġa' jinħatar mill-ġdid meta jiskadi ż-żmien tal-kariga tiegħu.

(3) Persuna ma tkunx kwalifikata li tinħatar jew li tibqa' fil-kariga bħala Kummissarju jekk dik il-persuna:

(a) tkun Imħallef, Maġistrat, Membru tal-Kamra tad-Deputati jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni fil-Kamra tad-Deputati jew f'Kunsill Lokali; jew

(b) tkun legalment inkapaċitata; jew

(ċ) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet komposizzjoni jew arranġament mal-kredituri tagħha; jew

(d) tkun instabet ħatja ta' xi reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew tkun xjentement laqgħet għandha proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi, ta' reat li jattakka l-bon ordni tal-familji jew ta' xi reat ieħor kontra dan l-Att.

(4) Meta l-persuna maħtura bħala Kummissarju -

(a) ma tkunx impjegata mal-Gvern qabel ma tkun ingħatat dik il-ħatra, in-nomina tagħha ma tirrendix lil dik il-persuna bħala uffiċjal pubbliku; jew

(b) tkun qabel dik il-ħatra uffiċjal pubbliku, dik il-persuna għandha tibqa' żżomm l-impjieg tagħha mal-Gvern:

Iżda matul iż-żmien li hija tagħmel bħala Kummissarju, dik il-persuna m'għandu jkollha ebda kariga li ma tkunx kompatibbli mat-twettiq kif dovut tad-dmirijiet uffiċjali tagħha bħala Kummissarju jew ma' l-imparzjalità li wieħed jippretendi minn dik il-kariga jew mill-fiduċja pubblika fiha.

(5) Meta l-kariga ta' Kummissarju ssir vakanti, il-persuna li f'dak iż-żmien tkun il-Kummissarju għandha tibqa' f'dik il-kariga sakemm jinħatar is-suċċessur tagħha.

(6) Bla ħsara għall-kwalifiki msemmija fis-subartikolu (3), il-Ministru jista', f'kull waqt, f'xi żmien li matulu l-Kummissarju jkun assenti jew għal kull għan ieħor temporanju skond ma l-Ministru jista' jqis li jkun meħtieġ li hekk jaġixxi, jaħtar persuna biex tassumi l-kariga ta' Kummissarju, sakemm il-Kummissarju jerġa' jibda jwettaq dmirijietu.

(7) Il-Ministru jista' wkoll jaħtar Viċi Kummissarju wieħed jew aktar biex jgħinu lill-Kummissarju skond id-direttivi li huwa jagħtihom u fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu.

**6.** (1) Il-Kummissarju jista', f'kull waqt, jiġi mneħħi jew sospiż mill-kariga tiegħu mill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew ma' kull kumitat ieħor li għad jista' jidħol minfloku, għal raġunijiet ta' inkapaċità bil-provi li huwa jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga ta' Kummissarju jew minħabba fi mġieba ħażina bil-provi: Tneħħija mill-kariga.

Iżda jekk il-kumitat imsemmi f'dan is-subartikolu ma jkunx kostitwit jew jekk ma jkunx hemm sessjoni tal-Kamra tad-Deputati, il-Kummissarju jista' jiġi sospiż mill-kariga mill-Ministru, li jaġixxi skond id-diskrezzjoni tiegħu nnifsu, għal inkapaċità bil-provi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew għal imġieba ħażina bil-provi skond ma jkun jidhirlu l-Ministru, iżda ebda sospensjoni bħal dik m'għandha tibqa' fis-seħħ għal iżjed minn xahrejn wara li l-kumitat ikun ġie kostitwit u jkun hemm sessjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(2) Il-Kummissarju jista', f'kull waqt, jirriżenja mill-kariga tiegħu permezz ta' ittra li tiġi indirizzata lill-Ministru.

**7.** (1) Il-Kummissarju għandu jwettaq id-dmirijiet u jeżerċita l-funzjonijiet li jiġu fuqu imposti u lilu konferiti b'dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu, inklużi dawk li ġejjin: Funzjonijiet tal-Kummissarju.

(a) jipprovdi faċilitajiet ta' iskrizzjoni għal organizzazzjonijiet li huma eliġibbli biex jiġu iskritti skond dan l-Att;

(b) jissorvelja l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet volontarji biex jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu jiġu osservati;

Kap. 16.

(ċ) jipprovdi lil organizzazzjonijiet volontarji b'informazzjoni dwar il-benefiċċji u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mir-reġistrazzjoni tagħhom bħala persuni ġuridiċi kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili u l-iskrizzjoni skond dan l-Att;

(d) jipprovdi informazzjoni u linji gwida lil persuni li jagħmlu xogħol volontarju u lil membri ta' organizzazzjonijiet volontarji, biex ikunu jistgħu jaqdu aħjar ir-rwol tagħhom u biex jilħqu aħjar l-objettivi ta' l-organizzazzjonijiet volontarji fejn huma jservu;

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru fuq il-liġijiet u fuq kull politika ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet volontarji u għal xogħol volontarju;

(f) jassisti lill-Gvern, dipartimenti tal-gvern, aġenziji pubbliċi u entitajiet kontrollati mill-Gvern fit-tħejjija u r-reviżjoni ta' kull politika li tkun ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet volontarji u għas-settur tal-volontarjat b'mod ġenerali;

(g) jinvestiga kull ilment dwar l-organizzazzjonijiet volontarji jew persuni jew organizzazzjonijiet li jagħmluha ta' organizzazzjonijiet volontarji u l-attivitajiet tagħhom, u jieħu dik l-azzjoni li tkun fis-setgħa tiegħu li jieħu biex jipprovdi rimedju għal kull ilment ġustifikat li jista' jsir jaf bih;

(h) jissorvelja l-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet volontarji kif ukoll l-imġieba ta' amministraturi ta' organizzazzjonijiet bħal dawk biex jiżgura li jiġu osservati *standards* għoljin ta' responsabbiltà u ta' trasparenza u ta' konformità mal-liġi;

Kap. 16.

(i) jikkordina u jikkomunika mar-Reġistratur għal Persuni Legali kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili bil-għan li jiffaċilita l-proċessi ta' reġistrazzjoni u iskrizzjoni għal organizzazzjonijiet volontarji;

(j) jikkopera mal-Kunsill u jagħtih l-appoġġ tiegħu biex jiżviluppa kull politika li tkun ta' benefiċċju għas-settur tal-volontarjat b'mod ġenerali jew għal xi kategoriji ta' dak is-settur;

(k) jaqdi kull funzjoni oħra jew dmir ieħor assenjati lilu taħt dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu kif ukoll dawk il-funzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jiġu assenjati lilu taħt kull liġi oħra.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kummissarju għandu jaġixxi imparzjalment u m'għandu jkun soġġett għal ebda ordni li tingħatalu minn xi persuna jew awtorità oħra.

**8.** (1) Il-Kummissarju għandu: Funzjonijiet oħra tal-Kummissarju.

(a) jagħmel ħiltu biex jikkordina l-isforzi magħmulin minn organizzazzjonijiet volontarji li jkollhom skopijiet bħal ta' xulxin sabiex dawn ikunu jistgħu jaslu għal konċentrazzjoni akbar ta' riżorsi u biex jiksbu l-benefiċċji ta' l-ekonomija skond id-daqs u biex tiġi evitata kull duplikazzjoni ta' sforzi; u

(b) jara kif iġib 'il quddiem il-ħolqien ta' federazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' membri sabiex jirregolaw l-organizzazzjonijiet ta' membri u l-attivitajiet tagħhom biex jiksbu l-benefiċċji ta' awtoregolamentazzjoni fis-settur tal-volontarjat.

(2) Il-Kummissarju għandu jistabbilixxi sistemi ta' komunikazzjoni ma', u biex jagħti appoġġ lil, voluntieri li jkunu ċittadini ta' Malta, sew jekk dawn ikunu qegħdin iservu f'Malta sew barra minn Malta, u l-Ministru jkun jista' jagħmel regolamenti, skond ma dawn jistgħu jkunu adatti minn żmien għal żmien, biex jirregola u jsostni lill-voluntieri.

(3) Il-Kummissarju għandu jara kif jinkoraġġixxi ambjent fejn il-kredibilità u l-fama tajba tas-settur tal-volontarjat tkun kontinwament imtejba bi *standards* għoljin fit-tħaddim ta' organizzazzjonijiet volontarji u ta' l-amministraturi tagħhom, ta' trasparenza u konoxxenza pubblika u ta' responsabbiltà adatta.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Kummissarju għandu wkoll, għall-finijiet ta' dan l-Att, jikkompila u jżomm informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-amministraturi u l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet volontarji li ma jkunux ġew iskritti skond dan l-Att. Kap. 440.

Prinċipji direttivi.

**9.** Il-Kummissarju għandu jimxi skond dawn il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) l-għarfien, inkoraġġiment u l-promozzjoni tal-valur u ta' l-importanza ta' l-azzjoni volontarja u ta' organizzazzjonijiet volontarji, sew jekk dawn ikunu qegħdin jaħdmu independentement minn istituzzjonijiet tal-gvern sew jekk ikollhom rwol ta' appoġġ, u tal-benefiċċju li jinkiseb minnhom għall-ħajja soċjali u kulturali f'Malta;

(b) l-għarfien tal-kontribut li jagħmlu l-azzjoni volontarja u organizzazzjonijiet volontarji, bħala espressjonijiet ta' parteċipazzjoni, solidarjetà, pluraliżmu u sussidjarjetà, lejn it-tgawdija mkomplija u l-arrikkiment tal-ħajja demokratika f'Malta; u

(ċ) l-għarfien tal-benefiċċju ekonomiku dirett ta' l-azzjoni volontarja u mhux bi ħlas u ta' l-inizjattivi li jittieħdu minn organizzazzjonijiet volontarji u minn voluntieri.

Rapport annwali.

**10.** (1) Il-Kummissarju għandu, sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem kull sena kalendarja, jagħmel u jippreżenta lill-Ministru rapport annwali li jkun jinkludi:

(a) rapport ta' l-attivitajiet tal-Kummissarju matul is-sena ta' qabel;

(b) deskrizzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi fis-settur tal-volontarjat f'Malta u kull żvilupp li seta' jolqot lil dak is-settur; u

(ċ) kull rakkomandazzjoni li tirrigwarda l-liġijiet, il-politika jew affarijiet oħra li jolqtu lis-settur tal-volontarjat.

(2) Il-Ministru għandu, sa mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li tiġi ppreżentata kopja ta' kull rapport bħal dak, jew jekk f'kull waqt matul dak il-perjodu ma jkunx hemm sessjoni tal-Kamra tad-Deputati, fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li jkun imiss minnufih wara, jara li kopja ta' kull rapport bħal dak titqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Dikjarazzjonijiet pubbliċi.

**11.** (1) Il-Kummissarju jista' jippubblika, bħala riklam jew xort'oħra, kull informazzjoni dwar organizzazzjoni volontarja, kemm jekk din tkun iskritta skond dan l-Att kemm jekk ma tkunx, jew dwar persuni li jippreżentaw ruħhom bħala li qed jaġixxu f'isem xi organizzazzjoni volontarja, meta jkun jidhirlu li dan ikun fl-interess tal-pubbliku jew ta' l-organizzazzjoni nnifisha.

(2) Qabel ma l-Kummissarju jippubblika xi informazzjoni bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1), il-Kummissarju għandu javża bil-miktub lill-amministraturi ta' l-organizzazzjoni, jew lill-persuna li tippreżenta ruħha bħala li tkun qegħda taġixxi f'isem xi organizzazzjoni volontarja kif imsemmi fis-subartikolu (1), bit-test propost u kull min jiġi hekk avżat ikollu ħamest ijiem minn meta jirċievi dak l-avviż biex jiddiskutih mal-Kummissarju:

Iżda sakemm ma jkunx hemm qbil bejn il-Kummissarju u kull min jiġi hekk avżat fuq xi azzjoni rimedjali li tista' tinħtieġ li tittieħed fiċ-ċirkostanzi, kull parti tista' tagħmel rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell biex dan jikkonferma, jemenda jew jiċħad ir-riklam propost, skond il-każ, u d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell tkun waħda finali.

(3) F'każijiet li, fil-fehma tal-Kummissarju, ikunu urġenti jew jinvolvu frodi, il-Kummissarju jista' jagħmel rikors direttament quddiem il-Bord ta' l-Appell fejn jitlob awtorizzazzjoni li jippubblika dik id-dikjarazzjoni jew informazzjoni u l-Kummissarju għandu jinnotifika lil kull min ikun involut bir-rikors, u min jiġi hekk notifikat ikollu jumejn tax-xogħol mid-data li jiġi notifikat bir-rikors biex jirrispondi fil-Bord ta' l-Appell, u wara dik id-data l-Bord għandu joħroġ ordni finali.

(4) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Kummissarju jew xi Viċi Kummissarju skond l-Att dwar l-Istampa għall-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi li jkunu bona fidi skond dan l-artikolu. Kap. 248.

## TAQSIMA IV

## REĠISTRU TA' ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI

Reġistru ta' Organizzazzjonijiet Volontarji.

**12.** (1) Ikun hemm Reġistru ta' Organizzazzjonijiet Volontarji (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistru") li għandu jinżamm mill-Kummissarju u li jkun fih din l-informazzjoni li ġejja, msejsa fuq id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi (f) sa (i) skond ma dawn jistgħu jiġu emendati jew aġġornati minn żmien għal żmien:

(a) isem l-organizzazzjoni;

(b) l-indirizz ta' l-organizzazzjoni;

(ċ) in-numru ta' reġistrazzjoni ta' l-organizzazzjoni jekk din tkun reġistrata bħala persuna ġuridika, kemm f'Malta kemm barra minn Malta;

(d) l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-amministraturi ta' l-organizzazzjoni;

(e) fil-każ ta' organizzazzjonijiet barranin jew internazzjonali, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant ta' dik l-organizzazzjoni li jkun residenti f'Malta;

(f) kopja ta' l-att kostituttiv ta' l-organizzazzjoni u ta' kull emenda li tkun saret fih;

(g) kopja tal-kontijiet annwali għall-aħħar sena finanzjarja li tiġi minnufih qabel l-iskrizzjoni, jekk ikun hemm, imħejjija minn min japplika;

(h) rapporti annwali ta' l-organizzazzjoni;

(i) kontijiet annwali ta' l-organizzazzjoni, flimkien ma' rapport tar-reviżuri jew ta' l-awdituri skond ma jista' jkun meħtieġ taħt il-liġi li tkun tapplika.

(2) L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu klassifikati fir-Reġistru skond l-iskop prinċipali tagħhom jew b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jidhirlu li jkun xieraq.

(3) Meta ssir l-iskrizzjoni, il-Kummissarju għandu jagħti numru uniku lill-organizzazzjoni volontarja li jkollu fuq quddiem l-ittri "VO" u dak in-numru għandu jiġi dejjem ikkwotat mill-organizzazzjoni volontarja fuq kull materjal li jiġi pubblikat, ittri, avviżi, riklami u dokumenti oħra maħruġin minn dik l-organizzazzjoni.

Applikazzjoni għal iskrizzjoni.

**13.** (1) Kull organizzazzjoni volontarja tista' tapplika biex tiġi iskritta billi tippreżenta l-formola ta' applikazzjoni preskritta, lill-Kummissarju, u magħha għandu jkun hemm mehmuża:

(a) dokument oriġinali jew kopja awtentikata minn nutar ta' l-att kostituttiv ta' l-organizzazzjoni jew ta' l-istatut tagħha;

(b) il-kunsens bil-miktub ta' l-amministraturi li jkunu ser jiġu inkarigati wara l-iskrizzjoni;

(ċ) id-drittijiet għall-iskrizzjoni, jekk ikun hemm;

(d) fil-każ ta' dawk l-organizzazzjonijiet li jitolbu li jiġu iskritti permezz tal-proċedura ta' avviż skond dan l-artikolu, ċertifikat li jinħareġ mill-korp regolatorju rilevanti msemmi fl-artikolu 4(7) li fih jiġi konfermat li l-organizzazzjoni li tapplika

għall-iskrizzjoni tkun tabilħaqq disposta li tiġi regolata mill-istess korp u li jkollha fama tajba; u

(e) kull dokument ieħor li jista' jkun mitlub taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu.

(2) Meta l-Kummissarju ikun qiegħed iqis xi applikazzjoni, huwa jista' jitlob lil min japplika jipprovdilu aktar informazzjoni dwar, jew jippreżenta sottomissjonijiet dwar:

(a) il-promoturi, il-fundaturi, l-amministraturi, id-donaturi u l-benefiċċjarji;

(b) kull attiv u passiv;

(ċ) l-attivitajiet imgħoddija, jekk kien hemm, l-attivitajiet preżenti u dawk ippjanati ta' l-organizzazzjoni;

(d) l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni u l-attivitajiet ippjanati li permezz tagħhom ikunu ser jinkisbu dawn l-iskopijiet; u

(e) kull ħaġa oħra li dwarha l-Kummissarju jista' jkollu r-riservi tiegħu jew it-tħassib tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni.

(3) Il-Kummissarju jista' jaċċetta jew jirrifjuta kull applikazzjoni għal iskrizzjoni minħabba:

(a) fl-osservanza jew xort'oħra ta' kull formalità meħtieġa b'dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu;

(b) fil-presenza jew xort'oħra ta' kull fattur li jimpedixxi l-iskrizzjoni taħt disposizzjoni espressa ta' dan l-Att;

(ċ) fil-legalità jew xort'oħra ta' l-iskopijiet proposti ta' l-organizzazzjoni fil-kuntest ta' l-iskopijiet dikjarati ta' l-organizzazzjoni u l-intenzjonijiet dikjarati tal-promoturi dwar l-attivitajiet tagħha;

(d) fl-integrità jew nuqqas tagħha tal-promoturi ta' l-organizzazzjoni, u l-kredibilità tal-proposti magħmulin meta jiġi ikkunsidrat l-interess ġenerali u l-fama tas-settur tal-volontarjat u l-importanza tar-responsabbiltà pubblika.

(4) Il-Kummissarju għandu:

(a) jagħti każ xieraq ta' kull informazzjoni li tiġi provduta u ta' sottomissjonijiet li jsiru, iżda fil-każ li min japplika jonqos milli jipprovdi xi informazzjoni meħtieġa jew milli jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu, il-Kummissarju għandu jgħaddi biex jiddeċiedi dwar dik l-applikazzjoni għal iskrizzjoni abbażi ta' l-informazzjoni li jkollu f'idejh;

(b) jistabilixxi jekk l-organizzazzjoni tkunx eliġibbli għal iskrizzjoni u jekk l-organizzazzjoni tkun eliġibbli għal iskrizzjoni, il-klassifikazzjoni ta' l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni;

(ċ) javża lil min japplika, bil-miktub, bid-deċiżjoni li jkun ħa, u fil-każ ta' deċiżjoni li ma jilqax xi applikazzjoni, il-motivi wara dik id-deċiżjoni.

(5) Il-Kummissarju għandu jara li jiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet kollha mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni u jekk jonqos milli jiddeċiedi u javża lil min ikun applika skond is-subartikolu (4) f'dak it-terminu, dan għandu jitqies li jfisser li l-iskrizzjoni tkun ġiet miċħuda.

(6) Il-Kummissarju ma għandu jirreġistra ebda organizzazzjoni volontarja lanqas jekk ikun amministratur wieħed biss li jkun persuna li ma tikkwalifikax biex tkun amministratur ta' xi organizzazzjoni skond ma hemm fil-liġi li tapplika.

(7) Meta jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet minn organizzazzjonijiet li dwarhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(7), il-Kummissarju għandu jiskrivi lill-organizzazzjoni li tkun applikat għaldaqstant meta jirċievi d-dokumenti meħtieġa skond is-subartikolu (1) mingħajr ebda reviżjoni oħra u għandu jsegwi dawk il-proċeduri ulterjuri, jekk ikun hemm, skond ma jistgħu jiġu ordnati b'regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att b'riferenza għal iskrizzjoni permezz ta' avviż.

Iskrizzjoni u Ċertifikat ta' Iskrizzjoni.

**14.** (1) Meta jkun sodisfatt li l-organizzazzjoni tkun eliġibbli li tiġi iskritta skond dan l-Att u li din ma tkunx qegħda tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att, il-Kummissarju għandu:

(a) iniżżel dawk id-dettalji ta' dik l-organizzazzjoni volontarja fir-Reġistru;

(b) joħroġ Ċertifikat ta' Iskrizzjoni bin-numru ta' identifikazzjoni ta' l-organizzazzjoni volontarja;

(ċ) jispeċifika jekk l-organizzazzjoni volontarja tkunx fondazzjoni, assoċjazzjoni, *trust* jew organizzazzjoni temporanja; u

(d) jispeċifika l-klassifikazzjoni ta' iskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni volontarja.

(2) Iċ-Ċertifikati ta' Iskrizzjoni għandhom jitiqiesu bħala strumenti pubbliċi u dawn għandhom jingħataw lura lill-Kummissarju meta jitlobhom lura bil-miktub.

(3) Iċ-Ċertifikat ta' Iskrizzjoni maħruġ skond dan l-artikolu m'għandux jistabbilixxi l-istatus fiskali ta' organizzazzjoni volontarja, jew kemm għandhom jew m'għandhomx jiġu intaxxati d-dħul u l-operazzjonijiet finanzjarji tagħha.

Ċhid milli ssir iskrizzjoni minħabba fl-isem.

**15.** (1) Il-Kummissarju għandu jiċħad milli jiskrivi organizzazzjoni jekk, safejn ikun jaf hu, isem l-organizzazzjoni ikun diġà qiegħed jintuża minn xi organizzazzjoni oħra, ukoll jekk din ma tkunx iskritta, jew inkella jekk l-isem propost ikun wieħed offensiv jew li x'aktarx iqarraq:

Iżda meta organizzazzjoni volontarja tkun ġiet iskritta b'isem li jkun diġà qiegħed jintuża minn xi organizzazzjoni volontarja oħra li tkun iskritta, il-Kummissarju għandu jitlob lil dik l-organizzazzjoni volontarja li tkun ġiet iskritta l-aħħar biex tibdel isimha.

Organizazzzjonijiet temporanji.

**16.** (1) Organizzazzjoni volontarja tista' tiġi mwaqqfa bħala organizzazzjoni temporanja jekk din tkun organizzazzjoni li tkun ġiet iffurmata bi skop speċifiku uniku, inkluż dak li jsir ġbir għal xi skop soċjali speċifiku jew għall-benefiċċju ta' xi organizzazzjoni volontarja oħra li tkun iskritta, jew biex titwettaq xi ħidma partikolari b'appoġġ ta' xi skop soċjali jew ta' xi organizzazzjoni volontarja oħra li tkun iskritta. Organizzazzjoni temporanja bħal dik għandha titqies bħala organizzazzjoni mhux reġistrata għall-finijiet tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

(2) Organizzazzjoni temporanja:

(a) titwaqqaf permezz ta' strument kostituttiv bil-miktub, inkluża dikjarazzjoni tal-ħsieb li jinkiseb skop speċifiku fi żmien qasir ħafna li ma jkunx ta' iżjed minn sena, iffirmat mill-promoturi u li fih ikun hemm elenkati l-atti li jkunu meħtieġa sabiex jinkiseb l-iskop li tkun ġiet imwaqqfa għalih;

(b) ma tista' twettaq ebda att ieħor ħlief xi wieħed min dawk li jkunu elenkati fl-istrument kostituttiv u ma tistax tissellef flus lanqas tidħol għal obbligazzjonijiet finanzjarji li jorbtu qabel ma jibda l-ġbir tal-fondi meħtieġa biex twettaq dawk l-obbligazzjonijiet;

(ċ) għandha tħallas, tapplika jew xort'oħra tqassam l-attiv kollu tagħha sabiex l-iskop ikun jista' jinkiseb sad-data stabbilita għal tmiemha; u

(d) għandha tippreżenta lill-Kummissarju dikjarazzjoni konklużiva tal-kontijiet, qabel id-data stabbilita għal tmiemha, iffirmata mill-amministraturi tagħha fejn jiġi:

(i) spjegat kif tkun kisbet l-iskop li tkun twaqqfet għalih;

(ii) spjegat kif tkun użat l-attiv kollu tagħha; u

(iii) anness magħha kull dokument jew ftehim oriġinali li setgħu saru minn dik l-organizzazzjoni temporanja f'dak li għandu x'jaqsam mat-tneħħija jew l-applikazzjoni ta' dak l-attiv.

(3) Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li jkun hemm konformità ma' dan l-artikolu, huwa għandu:

(a) jiskrivi organizzazzjoni temporanja meta din tippreżentalu l-istrument kostituttiv rilevanti; u

(b) iħassar l-iskrizzjoni ta' dik l-organizzazzjoni temporanja mingħajr ebda ħtieġa ta' proċeduri ta' stralċ wara li tiġi preżentata d-dikjarazzjoni konklużiva tal-kontijiet skond ma hemm fis-subartikolu (2).

(4) Il-Kummissarju jista', meta ssirlu talba bil-miktub mill-amministraturi, jagħti l-kunsens tiegħu għal estensjoni tad-data meta għandha tintemm organizzazzjoni temporanja li tkun twaqqfet għal perjodu ta' inqas minn tnax-il xahar u dak iż-żmien, inkluża l-estensjoni, m'għandux ikun b'kollox jeċċedi ż-żmien ta' sena mill-bidu tat-twaqqif tagħha.

(5) Meta organizzazzjoni temporanja ma tosservax s-subartikolu (2)(ċ), l-amministraturi tagħha jkunu obbligati sa mhux aktar tard mid-data ta' tmiemha:

(a) iwaqqfu lil dik l-organizzazzjoni jew bħala fondazzjoni jew bħala assoċjazzjoni kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili u japplikaw għall-iskrizzjoni tagħha skond ma hemm f'dan l-Att; jew Kap. 16.

(b) iħallsu l-flus kollha u kull attiv ieħor miġbur lill-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji biex isir minnhom skond l-iskop oriġinali fi żmien xahrejn mid-data ta' tmiemha.

(6) Kull attiv residwu li jista' jifdal f'organizzazzjoni temporanja wara l-kisba ta' l-iskop tagħha għandu jitħallas mill-amministraturi lill-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji u dak il-Fond għandu, bis-saħħa ta' dan is-subartikolu, jitqies bħala s-suċċessur fid-dritt ta' kull proprjetà, inkluż kull jedd ta' rimborż jew riverżjoni, ta' dik l-organizzazzjoni temporanja.

(7) Il-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji ma jkunx responsabbli li jwettaq ebda obbligazzjoni ta' xi organizzazzjoni temporanja, iżda jekk dak il-Fond jirċievi xi attiv skond dan l-artikolu u l-Bord ta' dak il-Fond ikun jidhirlu li l-obbligazzjonijiet:

(a) jkunu saru *bonafidi*; u

(b) ma jkunux twettqu ħlief għal raġunijiet validi; u

(ċ) jistgħu jitwettqu kollha kemm huma jew biss f'parti minnhom b'dak l-attiv li jkun ġie riċevut,

għaldaqstant il-Bord ta' dak il-Fond jista' jaqbel li jirrilaxxa kull attiv li jkun ġie riċevut, mingħajr ebda mgħax, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha li jkunu saru, lill-kreditur ta' l-obbligazzjoni iżda ma jkun responsabbli għal xejn iżjed.

(8) Jekk il-Kummissarju jkun jidhirlu li organizzazzjoni temporanja tkun twaqqfet regolarment għall-istess skop jew għal skop simili u mill-istess persuni, jew minn x'uħud minnhom, il-Kummissarju jista' għaldaqstant jitlob li l-amministraturi jgħaddu biex jiffurmaw organizzazzjoni volontarja bi żmien estiż skond il-liġi, u jekk dan ma jsirx il-Kummissarju jista' jiċħad milli jaċċetta l-iskrizzjoni ta' dik l-organizzazzjoni temporanja.

**17.** Kull min japplika u jkollu l-applikazzjoni għal iskrizzjoni li jagħmel miċħuda mill-Kummissarju, ikollu dritt jappella kontra dik id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell skond l-artikolu 25. Dritt ta' appell.

Organizzazzjonijiet li jinsabu f'diffikultà.

**18.** (1) Fil-qadi ta' dmirijietu, il-Kummissarju jista' jirrakkomanda lill-amministraturi, jew fl-assenza ta' l-amministraturi, lil xi membri jew promoturi identifikabbli ta' l-organizzazzjoni volontarja iskritta, l-istralċ ta' dik l-organizzazzjoni.

(2) Meta jirċievu rakkomandazzjoni skond is-subartikolu (1), ir-riċevituri għandhom, kemm jista' jkun malajr, isejjħu laqgħa ta' kull min ikollu interess bil-għan li jiddiskutu dik ir-rakkomandazzjoni u biex jieħdu deċiżjonijiet fuq dak li għandhom jagħmlu fil-futur.

(3) Il-Kummissarju jista' jaħtar, fuq talba bil-miktub ta' xi organizzazzjoni li tkun tinsab f'diffikultajiet finanzjarji, amministraturi esterni fuq bażi temporanja sabiex dawn ikunu jistgħu jiflu ċ-ċirkostanzi u jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar il-futur ta' dik l-organizzazzjoni.

(4) Fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji iskritti, il-Kummissarju għandu jipprova jgħin lill-organizzazzjoni timplimenta soluzzjonijiet jew tasal għal konformità qabel ma huwa joħroġ xi rakkomandazzjoni skond dan l-artikolu, jew ordni skond l-artikoli 19 u 20.

Sospensjoni jew tħassir ta' attivitajiet.

**19.** (1) Il-Kummissarju jista' jagħmel rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell biex jordna:

(a) is-sospensjoni ta' l-attivitajiet ta' organizzazzjoni volontarja iskritta bil-ħruġ ta' Ordni ta' Sospensjoni, għal dak il-perijodu li jkun speċifikat fl-istess ordni; jew

(b) it-tħassir ta' l-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja bil-ħruġ ta' Ordni ta' Tħassir, li jkollha effett fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' dik l-ordni, lill-amministraturi kollha jew lil xi wieħed minnhom, kemm-il darba ma jkunx ġie ppreżentat appell qabel dak il-perijodu, f'liema każ dik l-ordni għandu jkollha effett mid-data stabbilita mill-Bord ta' l-Appell.

(2) L-ordnijiet imsemmija fis-subartikolu (1) jistgħu jinħarġu jekk l-organizzazzjoni volontarja:

(a) ma tkunx qegħda ssegwi l-iskopijiet li kienet twaqqfet għalihom u b'hekk tkun qegħda tqarraq bil-pubbliku;

(b) tkun qegħda twettaq attivitajiet illeġali, inkluż il-ġbir pubbliku mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa;

(ċ) tkun qegħda tonqos milli tosserva d-disposizzjonijiet ta' l-istatut tagħha jew ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu;

(d) tkun qegħda tapplika l-fondi tagħha ħażin, jew tkun qegħda tuża fondi jew benefiċċji li tkun irċeviet għal skopijiet li m'humiex dawk li għalihom dawk il-fondi jew benefiċċji jkunu ngħataw;

(e) tidher li tkun baqgħet topera wara li tkun ġiet formalment xolta;

(f) ma tkunx iffunzjonat għal perjodu li jeċċedi erbgħa w għoxrin xahar konsekuttivi; jew

(g) tkun kisbet iskrizzjoni msejsa fuq informazzjoni li tkun materjalment mhux korretta jew mhux kompleta u li kienet mod ieħor twassal għal ċħid li kieku l-Kummissarju kellu jkun jaf x'kienet l-informazzjoni korretta jew kompleta.

(3) F'dawk il-każijiet li fihom tinħareġ Ordni ta' Sospensjoni, il-Bord ta' l-Appell għandu jindika liema attivitajiet ta' l-organizzazzjoni għandhom ikunu sospiżi u l-Kummissarju għandu jiltaqa' jew jikkomunika ma' l-amministraturi ta' l-organizzazzjoni, kemm jista' jkun malajr, biex jirrevedi s-sitwazzjoni u biex jikseb l-informazzjoni u l-obbligazzjonijiet mill-amministraturi skond ma jista' jkun meħtieġ. Dik l-informazzjoni għandha tiġi riferita lill-Bord ta' l-Appell, skond ma jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien, u l-Bord ta' l-Appell jista' juża dik l-informazzjoni meta jkun qiegħed jirrevedi ordnijiet li jkunu inħarġu bis-saħħa ta' dan l-artikolu.

(4) F'Ordni ta' Sospensjoni, il-Bord ta' l-Appell jista' jagħmel ordnijiet anċillari, inkluża ordni biex jitwettqu azzjonijiet li jkunu konformi ma' l-istatut ta' l-organizzazzjoni volontarja jew mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu, skond ma jista' jkun xieraq.

(5) Il-Bord ta' l-Appell ikollu s-setgħa jestendi, jemenda jew jirrevoka Ordni ta' Sospensjoni, skond ma jqis li jkun xieraq, wara rikors li jsirlu mill-Kummissarju jew mill-amministraturi ta' l-organizzazzjoni volontarja.

(6) Sakemm Ordni ta' Tħassir ikollha effett skond ma hemm fis-subartikolu (1), l-affarijiet ta' l-organizzazzjoni għandhom jibqgħu jitmexxew mill-amministraturi li għandhom iwettqu biss atti ta'

amministrazzjoni ordinarja jew, fil-każ meta appell ikun għadu pendenti, dawk l-atti li jistgħu jiġu awtorizzati mill-Bord ta' l-Appell.

(7) Fil-ħruġ ta' Ordni ta' Tħassir, il-Bord ta' l-Appell għandu wkoll jiddeċiedi dwar jekk is-sospensjoni ta' l-attivitajiet ta' organizzazzjoni għandhiex tkun waħda permanenti għar-rigward ta' kull attività jew ta' parti biss mill-attivitajiet ta' organizzazzjoni u jista' joħroġ kull ordni rilevanti għar-rigward tal-ħidma ta' l-organizzazzjoni fil-futur.

(8) Fil-każ ta' Ordni ta' Tħassir msejsa fuq il-motivi li hemm speċifikati fis-subartikolu (2)(a), (b) u (d), il-Bord ta' l-Appell ikollu s-setgħa jordna li l-organizzazzjoni tieqaf milli tkompli twettaq attivitajiet ulterjuri. Fil-każijiet l-oħra kollha, Ordni ta' Tħassir għandha tinkludi kull deċiżjoni taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Bord ta' l-Appell jista' jikkunsidra li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi u ordni bħal dik m'għandhiex madankollu tkun timplika xi restrizzjoni tad-dritt ta' assoċjazzjoni li għandhom dawk il-persuni li jkunu involuti fl-organizzazzjoni, jew tad-dritt li dawk il-persuni għandhom li jkomplu joperaw organizzazzjoni mingħajr il-benefiċċji ta' iskrizzjoni li jibqgħu għaddejin taħt dan l-Att.

(9) Il-Kummissarju għandu jippubblika, f'ġurnal lokali, kull Ordni ta' Tħassir li tkun saret waħda finali flimkien ma' dikjarazzjoni qasira dwar l-effetti ta' l-ordni li għandha, qabel ma din tiġi pubblikata, tkun approvata mill-Bord ta' l-Appell u dik id-dikjarazzjoni għandha terġa' tiġi pubblikata regolarment matul dak iż-żmien kollu li l-Kummissarju jista' jqis li jkun meħtieġ biex jiżgura li l-pubbliku jkun għaraf is-sitwazzjoni kif meħtieġ.

Effetti ta' tħassir ta' iskrizzjoni.

**20.** (1) Fil-każ ta' tħassir ta' iskrizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja, l-amministraturi għandhom minnufih iroddu lura, lill-Kummissarju, iċ-Ċertifikat ta' Iskrizzjoni ta' dik l-organizzazzjoni u kull min jonqos milli jrodd lura dak iċ-ċertifikat fiż-żmien imniżżel fit-talba bil-miktub tal-Kummissarju, ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mitt lira (Lm100) u multa ta' ħames liri (Lm5) għal kull ġurnata li jonqos milli jagħmel dan.

(2) Fil-każ ta' tħassir ta' iskrizzjoni ta' xi organizzazzjoni volontarja, il-privileġġi, benefiċċji, vantaġġi jew jeddijiet kollha mogħtijin lil dik l-organizzazzjoni bis-saħħa ta' l-iskrizzjoni, għandhom jieqfu milli jkollhom effett mid-data minn meta d-deċiżjoni ta' tħassir ikollha effett:

Iżda telf ta' benefiċċji bħal dak m'għandux japplika għall-atti meħtieġa għall-likwidazzjoni u x-xoljiment ta' organizzazzjoni

volontarja, inkluż kull trasferiment ta' proprjetà lil organizzazzjonijiet oħra skond ma jeħtieġu l-istatut ta' l-organizzazzjoni volontarja jew id-disposizzjonijiet tal-liġi li tapplika.

(3) It-tħassir għar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 19(2)(a), (b), (d) u (g) għandu jagħti jedd lill-Kummissarju li jitlob ir-rimborż ta', jew kumpens ġust għal, kull benefiċċju li jkun ġie riċevut inġustament mill-organizzazzjoni volontarja jew minn xi persuna oħra bis-saħħa ta' l-iskrizzjoni tagħha skond dan l-Att, u l-Bord ta' l-Appell jista' joħroġ l-ordnijiet relattivi kontra l-organizzazzjoni u kontra kull persuna involuta f'dik l-organizzazzjoni, jew li jkollha pussess ta' xi proprjetà, fl-Ordni ta' Tħassir jew separatament, wara li jiżgura li dik l-organizzazzjoni jew persuna tkun ingħatat avviż kif meħtieġ ta' din it-talba kif ukoll opportunità li jiddefendu lilhom innifishom:

Iżda jkun jista' jsir appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn kull deċiżjoni dwar responsabbiltà li tingħata mill-Bord ta' l-Appell skond ma hawn f'dan is-subartikolu.

(4) Meta tingħata ordni mill-Bord ta' l-Appell kontra organizzazzjoni jew xi persuna msemmija fis-subartikolu ta' qabel dan, din tkun tista' tiġi infurzata bħala sentenza tal-qorti.

Sospensjoni ta' attivitajiet minn organizzazzjonijiet li ma jkunux iskritti.

**21.** (1) Il-Kummissarju jista', permezz ta' avviż bil-miktub, jordna s-sospensjoni ta' attivitajiet ta' organizzazzjoni li ma tkunx iskritta jekk, fil-fehma meqjusa tiegħu, tkun tapplika xi raġuni minn dawk imsemmija fl-artikolu 19(2) u dan jista' jsir għal perijodu li jiġi speċifikat f'avviż li jingħata lill-amministraturi kollha jew lil xi wieħed minnhom, jew fl-assenza tagħhom lil dik il-persuna li l-Kummissarju jidhirlu li tkun qegħda twettaq dawk l-attivitajiet:

Iżda sospensjoni bħal dik m'għandhiex tkun ta' iżjed minn tletin jum għal kull avviż li jingħata.

(2) Organizzazzjoni li tiġi notifikata b'avviż bħal dak għandha tissospendi dawk l-attivitajiet li jiġu speċifikament indikati fl-avviż li hemm imsemmi fis-subartikolu (1) sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk din tistax tibqa' taġixxi jew le.

(3) Kull persuna li tonqos milli tissospendi l-attivitajiet tagħha fi żmien tliet ijiem minn meta tirċievi l-avviż li jsirilha mill-Kummissarju f'dak is-sens, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mitt lira (Lm100) u multa ta' ħames liri (Lm5) għal kull ġurnata li tonqos milli tagħmel dan.

(4) Il-Kummissarju għandu jagħmel rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell sa mhux aktar tard minn disgħin ġurnata jekk huwa jqis li jkun meħtieġ li jkollu f'idejh ordni għas-sospensjoni permanenti ta' l-attivitajiet ta' dik l-organizzazzjoni u l-Bord ta' l-Appell ikollu s-setgħa, wara li jisma' liż-żewġ partijiet, li joħroġ dik l-ordni skond dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa.

(5) Kull min iħoss ruħu aggravat b'Ordni ta' Sospensjoni maħruġa taħt dan l-artikolu jista' jappella quddiem il-Bord ta' l-Appell kontra l-ħruġ ta' dik l-ordni fi żmien għaxart ijiem minn meta jirċievi avviż bil-miktub mingħand il-Kummissarju.

Setgħat tal-Kummissarju f'każ ta' abbuż.

**22.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, f'dawk il-każijiet meta il-Kummissarju jkun tal-fehma li persuna jew organizzazzjoni volontarja tkun qegħda tagħmel jew għamlet użu abbużiv minn Ċertifikat ta' Iskrizzjoni maħruġ skond ma hemm fl-artikolu 14 jew li tkun iffalsifikat jew għamlet użu minn falsifikazzjoni tiegħu, il-Kummissarju jista':

(a) jipprojbixxi lil dik il-persuna milli tuża dak iċ-ċertifikat billi javża lil dik il-persuna għaldaqstant bil-miktub; jew

(b) joħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi fuq il-fatti biex iwissi lill-pubbliku b'kull abbuż minn dik il-persuna jew organizzazzjoni volontarja;

(ċ) jagħmel rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell biex jieħu azzjoni biex jeleva flejjes miġbura jew ġbir pubbliku li jsiru minn dik il-persuna jew organizzazzjoni u biex jroddhom lura lid-donatur tagħhom, jew inkella jekk ma jkunx possibbli li jinsabu min kienu d-donaturi fi żmien tnax-il xahar minn meta jiġu elevati dawk il-flejjes jew ġbir, jgħaddi dawk il-fondi fil-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji.

(2) Qabel ma tittieħed xi waħda mill-azzjonijiet minn dawk hawn qabel imsemmija fis-subartikolu (1)(a) u (b), il-Kummissarju għandu javża bil-miktub lil kull persuna jew organizzazzjoni li *prima facie* jidhrulu li jkunu użaw ħażin ċertifikat, bir-riżultanzi li kellu u bl-azzjonijiet li jkun bi ħsiebu jieħu u dik il-persuna jew organizzazzjoni jkollha l-jedd li:

(a) tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha lill-Kummissarju fi żmien ħamest ijiem mid-data meta tirċievi l-avviż bil-miktub; u

(b) tippreżenta appell quddiem il-Bord ta' l-Appell fi żmien ħamest ijiem minn meta tiġi notifikata bid-deċiżjoni tal-

Kummissarju, liema appell għandu jissospendi kull azzjoni min-naħa tal-Kummissarju skond ma hemm fis-subartikolu (1) sakemm ikun hemm deċiżjoni finali minn dak l-istess Bord ta' l-Appell.

## TAQSIMA V

## DWAR L-APPELLI U L-BORD TA' L-APPELL

**23.** (1) Ikun hemm Bord ta' l-Appell li jkollu l-funzjonijiet li jiddeċiedi kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' l-organizzazzjonijiet volontarji skond ma jista' jiġi lilu riferit skond dan l-Att. Bord ta' l-Appell.

(2) Il-membri tal-Bord ta' l-Appell jinħatru mill-Ministru għal perijodu ta' tliet snin, u jistgħu jitneħħew mill-kariga minħabba f'inkapaċità bil-provi li jwettqu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom jew minħabba f'imġieba ħażina bil-provi.

(3) Il-Bord ta' l-Appell ikun magħmul minn tliet persuni, li membru wieħed minnhom, li jkun il-President, ikun persuna li tkun eżerċitat bħala avukat għal mhux inqas minn seba' snin.

(4) Membru tal-Bord ta' l-Appell jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni għal kull waħda mir-raġunijiet li għalihom jista' jiġi rikuzat jew jastjeni mħallef skond l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni Kap. 12. u Proċedura Ċivili. F'każ bħal dak, il-Ministru għandu jaħtar persuna oħra biex toqgħod bħala membru tal-Bord ta' l-Appell minflok dak il-membru.

(5) Persuna ma tkunx kwalifikata li tinħatar jew tibqa' tokkupa l-kariga bħala membru tal-Bord ta' l-Appell jekk dik il-persuna:

(a) tkun Imħallef, Maġistrat, membru tal-Kamra tad-Deputati jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni tal-Kamra tad-Deputati jew ta' Kunsill Lokali; jew

(b) tkun legalment inkapaċitata; jew

(ċ) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet komposizzjoni jew arranġament mal-kredituri tagħha; jew

(d) tkun instabet ħatja ta' xi reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew tkun xjentement laqgħet għandha proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi, ta' reat li jattakka l-bon ordni tal-familji jew ta' xi reat ieħor kontra dan l-Att.

(6) Il-Bord ta' l-Appell għandu jgawdi l-funzjonijiet u s-setgħat kollha tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha.

Proċedura u ġurisdizzjoni.

**24.** (1) Il-Bord ta' l-Appell għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu u għandu jagħmel ħiltu biex jintroduċi sistemi u prattiċi li jkunu spedittivi u effiċjenti.

(2) Il-Bord ta' l-Appell ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet ibbażati fuq dak li x'aktarx ikun l-aktar ġust u xieraq fiċ-ċirkostanzi u jkollu s-setgħa li joħroġ ordnijiet, kemm temporanji kemm permanenti.

(3) Il-Bord ta' l-Appell għandu f'kull waqt josserva r-regoli tal-ġustizzja naturali u jagħti opportunità lill-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u li jinstemgħu filwaqt li jagħmel disponibbli għalihom kull informazzjoni u dokument li l-Bord ikun ser isejjes id-deċiżjoni tiegħu fuqhom.

(4) Il-membri tal-Bord ta' l-Appell għandhom jaġixxu b'mod imparzjali u indipendenti minn kull influwenza li tiġi minn persuni oħra u m'għandu f'ebda waqt ikollhom xi interess personali f'affarijiet li jkollhom jiddeċiedu dwarhom. Jekk jiġri li jqum xi interess f'xi kwistjoni, huma għandhom jiddikjaraw dak l-interess u jastjenu kemm-il darba l-partijiet ma jitolbuhomx b'mod ċar għall-aħħar li jkomplu jiffunzjonaw bħala tali wara li jiġi għalkollox żvelat dak il-konflitt.

(5) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord ta' l-Appell jista' jħarrek lil kull persuna biex tidher quddiemu, biex tixhed u ġġib magħha dokumenti u l-President ikollu s-setgħa li jagħtiha l-ġurament.

(6) Il-Bord ta' l-Appell għandu jiddeċiedi kull ħaġa li tiġi riferita lilu sa mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data meta ssir dik ir-referenza, kemm-il darba fil-fehma tal-President ma jkunx meħtieġ perjodu itwal, u dan għal xi raġuni valida li għandha tiġi dikjarata u reġistrata fl-atti tal-kawża.

(7) Il-Bord ta' l-Appell ikollu ġurisdizzjoni dwar kull ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu meta dak il-ksur ma jkunx jikkostitwixxi reat kriminali.

## TAQSIMA VI

## DRITT TA' APPELL U RI||OLUZZJONI TA' TILWIMIET

Dritt ta' appell.

**25.** (1) Kull persuna jew organizzazzjoni li tħoss ruħha aggravata minn xi deċiżjoni tal-Kummissarju tista' tappella minn dik

id-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta tirċeviha jew meta ma jkun hemm ebda risposta dwar applikazzjoni li tkun saret lill-Kummissarju biex jirreġistra organizzazzjoni volontarja, wara ħamsa w erbgħin ġurnata mid-data ta' l-applikazzjoni għal dik l-iskrizzjoni.

(2) L-appell għandu jsir bil-miktub u jiġi ppreżentat fil-Bord ta' l-Appell mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra, jew inkella b'dak il-mod li jista' jiġi ordnat b'regolamenti magħmulin mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-Att.

(3) Ir-rikors fil-Bord ta' l-Appell jista' jsir ukoll mill-Kummissarju, minn fundatur, amministratur, membru, donatur jew benefiċjarju ta' organizzazzjoni volontarja fil-kapaċità individwali tiegħu billi jkollu interess fl-affarijiet ta' l-organizzazzjoni, biex tinħareġ ordni fuq l-affarijiet ta' l-imsemmija organizzazzjoni għar-raġunijiet li dik l-organizzazzjoni ma tkunx qegħda titmexxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ta' regolamenti magħmulin taħtu jew skond ma hemm provdut fl-istatut ta' dik l-organizzazzjoni.

(4) Il-Bord ta' l-Appell għandu jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu u għandu jara li dawk id-deċiżjonijiet jiġu pubblikati filwaqt li jħalli barra l-ismijiet tal-persuni involuti, jekk il-Bord ikun jidhirlu xieraq li jagħmel dan għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(5) Meta jkun qiegħed jiddeċiedi appell, il-Bord jista' jiċħad l-appell jew iħassar, jirrevoka jew jissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Kummissarju jew ta' xi amministratur jew laqgħa ġenerali ta' organizzazzjoni volontarja.

Appelli fuq punt ta' liġi u deċiżjoni dwar drittijiet ċivili.

**26.** (1) Jista' wkoll isir appell quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fuq punt ta' liġi u fuq kull ħaġa oħra li tinvolvi determinazzjoni ta' dritt ċivili li jista' joriġina bħala r-riżultat ta' deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' l-Appell.

(2) L-appelli kollha jsiru b'rikors li jiġi ppreżentat fil-qorti, u dak ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-Kummissarju mir-rikorrent u l-Kummissarju jkollu żmien għaxart ijiem biex iwieġeb għar-rikors.

(3) Meta jsir appell fuq punt ta' liġi jew determinazzjoni ta' dritt ċivili skond is-subartikolu (1), il-qorti tista' jew tikkonferma, tibdel jew tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell jekk hija tikkunsidra li jkun meħtieġ li tagħmel dan fil-kuntest tad-determinazzjoni tagħha jew inkella tista' tirreferi d-deċiżjoni tagħha lura lill-Bord ta' l-Appell sabiex dak il-Bord ikun jista' jieħu kull azzjoni dovuta kif meħtieġ.

(4) Id-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandha tkun waħda konklużiva u ma jkun jista' jsir ebda appell ieħor minnha.

(5) Meta jkun hemm konformità ma' istruzzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju jew ma' determinazzjoni tal-Bord ta' l-Appell, dan m'għandux jiġi interpretat bħala rinunzja tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju skond dan l-artikolu.

Sostenn li jingħata f'każ ta' tilwimiet.

**27.** (1) Il-Kummissarju jista' jipprovdi, meta jsir jaf b'tilwima li tkun tinvolvi organizzazzjoni volontarja jew persuni konnessi magħha, ukoll jekk b'inizjattiva tiegħu stess, għajnuna fir-riżoluzzjoni ta' dawk it-tilwimiet permezz:

(a) tal-faċilità ta' fehmiet konsultattivi li jingħataw minn esperti magħżulin minn fost lista ta' persuni (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa bħala "il-*Panels* Konsultattivi");

(b) ta' għajnuna lill-partijiet fit-tilwima billi dik it-tilwima tintbagħat għall-medjazzjoni u, meta jkun meħtieġ, jimponi referenza mandatorja għal medjazzjoni kif hawn provdut;

Kap. 387.

(ċ) ta' għajnuna lill-partijiet fit-tilwima biex imorru għal arbitraġġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ.

(2) Il-Kummissarju għandu jinkoraġġixxi u jassisti lill-partijiet f'tilwima li tkun tinvolvi lil xi organizzazzjoni volontarja biex jirrisolvu l-kwistjoni permezz ta' ftehim reċiproku billi jirriferuha lill-*Panel* Konsultattiv, jew għal medjazzjoni, jew fin-nuqqas ta' dan għall-arbitraġġ.

(3) Il-Kummissarju jista' jorganizza avvenimenti informattivi, edukattivi u ta' taħriġ f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwimiet għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet volontarji.

(4) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, tilwima tkun tinvolvi lil organizzazzjoni volontarja jekk din ikollha x'taqsam ma':

(a) tilwima bejn il-membri ta' organizzazzjoni volontarja, jew bejn il-membri u xi amministratur wieħed jew aktar, li jkollha x'taqsam ma' l-affarijiet ta' l-organizzazzjoni volontarja, inkluż il-ħlas ta' miżati ta' sħubija, it-tkeċċija ta' membri u affarijiet bħal dawn; jew

(b) tilwima bejn il-fundaturi u l-amministraturi ta' fondazzjoni jew it-trasferenti jew il-benefiċjarji ta' *trust* ta' karità u t-*trustees* f'dak li għandha x'taqsam ma' l-affarijiet ta' l-organizzazzjoni volontarja jew tat-*trust* ta' karità skond il-każ; jew

(ċ) tilwima bejn l-amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja; jew

(d) tilwima bejn organizzazzjonijiet volontarji, li jkollha x'taqsam ma' attivitajiet, avvenimenti u affarijiet relatati; jew

(e) tilwima bejn organizzazzjoni volontarja u donatur, *sponsor*, benefiċjarju jew xi persuna oħra li jkollha relazzjonijiet ma' l-organizzazzjoni volontarja, minbarra relazzjonijiet purament kummerċjali għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi; jew

(f) tilwima bejn voluntier u organizzazzjoni volontarja; jew

(g) mingħajr preġudizzju għal kull liġi li għandha x'taqsam ma' l-impjiegi, tilwima bejn impjegat ta' organizzazzjoni volontarja u l-organizzazzjoni volontarja, li għandha tiġi trattata f'kollaborazzjoni mad-Direttur għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali; jew

(h) tilwima bejn il-Gvern u organizzazzjoni volontarja f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi kuntratt ta' amministrazzjoni jew xi kuntratt ieħor li jsir biex jingħataw servizzi.

*Panels* Konsultattivi.

**28.** (1) Il-*Panel* Konsultattiv ikun magħmul minn persuni li, fil-fehma tal-Kummissarju, huma kwalifikati li jwettqu d-dmirijiet ta' konsulenti f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' organizzazzjonijiet volontarji u s-settur tal-volontarjat b'mod ġenerali.

(2) Il-*Panel* Konsultattiv għandu:

(a) minnufih jikkomunika mal-partijiet fit-tilwima malli ssirilu r-referenza ta' dik it-tilwima mill-Kummissarju;

(b) jorganizza laqgħat bejn il-partijiet, skond ma jista' jkun meħtieġ, sabiex tkun tista' tiġi solvuta t-tilwima;

(ċ) jikkunsidra l-kawżi u ċ-ċirkostanzi tat-tilwima;

(d) jagħmel mill-aħjar biex it-tilwima titranġa amikevolment, kemm jista' jkun malajr;

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet, skond ma jidhirlu li jkun adatt, biex jirrisolvi t-tilwima;

(f) fil-każ li ma jirnexxilux jasal biex tilwima titranġa amikevolment, jagħmel rakkomandazzjonijiet għal medjazzjoni jew arbitraġġ skond ma hemm fl-artikoli 29 u 30.

Medjazzjoni.

**29.** (1) Meta l-Kummissarju jirreferi tilwima li tkun tinvolvi xi organizzazzjoni volontarja għal medjazzjoni, il-Kummissarju għandu jagħmel dan b'avviż bil-miktub li jingħata lill-partijiet, u l-partijiet ikunu marbutin b'dik ir-referenza:

Iżda l-Kummissarju għandu fl-avviż jiddikjara min ikun responsabbli biex jibda l-proċeduri u għandu jistabbilixxi terminu biex dan isir, u fin-nuqqas li dan isir tkun il-parti jew il-partijiet l-oħra li jistgħu jibdew il-proċedimenti ta' medjazzjoni huma nnifishom.

(2) Kull parti li tkun ġiet riferita għal medjazzjoni għandha tkun marbuta li taġixxi b'bona fidi filwaqt li jkunu qegħdin isiru dawk il-proċedimenti u kull parti tkun tista' tirtira mill-proċedimenti ta' medjazzjoni f'kull waqt:

Iżda jekk il-medjatur iqis li xi parti ma tkunx uriet bona fidi fil-mod kif tippreżenta jew tmexxi bil-medjazzjoni, il-medjatur jista' għaldaqshekk jordna lil dik il-parti tħallas l-ispejjeż.

(3) Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta jista', wara li jkun ikkonsulta mal-Kunsill, minn żmien għal żmien, jagħmel regoli li jkunu jirregolaw il-proċeduri ta' medjazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' organizzazzjonijiet volontarji, inklużi regoli dwar il-ħatra ta' medjatur minn dak iċ-Ċentru fil-każ li l-partijiet ma jaqblux fuq ħatra bħal dik.

(4) Il-Kunsill għandu, minn żmien għal żmien, jagħti pariri liċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta meta jkunu qegħdin jiġu elenkati l-lista jew il-listi ta' medjaturi fuq affarijiet li jinvolvu organizzazzjonijiet volontarji.

Arbitraġġ.

**30.** (1) Meta tilwima kif imfisser fl-artikolu 27 tinġieb għall-arbitraġġ taħt ir-regoli taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, it-tilwima għandha, jekk ma jkunx hemm ftehim għall-kuntrarju mill-partijiet involuti, tiġi deċiża skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ u t-tribunal ta' arbitraġġ għandu jqis il-prinċipji ġenerali ta' prattika tajba, trasparenza u ġustizzja li huma ġeneralment aċċettati u applikati fis-settur tal-volontarjat.

Kap. 387.

(2) Il-Kunsill għandu, minn żmien għal żmien, jagħti parir liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta meta jkun qiegħed jaħtar lista jew listi ta' arbitri għal affarijiet li jinvolvu organizzazzjonijiet volontarji.

(3) Iċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ jista', wara li jkun ikkonsulta lill-Kunsill, jagħmel regoli minn żmien għal żmien li jirregolaw il-proċeduri ta' arbitraġġ li jkollhom x'jaqsmu ma' organizzazzjonijiet volontarji.

## TAQSIMA VII

## REATI

**31.** Meta persuna tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, u ma jkun hemm provdut dwar ebda piena speċifika għal dak ir-reat taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, dik il-persuna tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira (Lm50) iżda mhux iżjed minn elf lira (Lm1000) jew priġunerija għal perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Pieni.

**32.** Kull min b'xi mod jiffalsifika jew jibdel xi ħaġa f'Ċertifikat ta' Iskrizzjoni ta' xi organizzazzjoni volontarja biex jagħti x'jifhem li jkun qiegħed jaġixxi f'isem organizzazzjoni volontarja iskritta, jew li xi organizzazzjoni eżistenti tkun organizzazzjoni volontarja meta fil-fatt ma tkunx, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel l-istess piena kif provdut dwarha fl-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali. Falsifikazzjoni jew bdil li jsir f'ċertifikati jew wiri ta' ħaġa b'oħra fihom dwar l-istatus. Kap. 9.

**33.** (1) Kull min xjentement jaġixxi jew jagħmilha ta' amministratur ta' organizzazzjoni volontarja bla ma jkun ġie maħtur jew elett kif imiss bħala amministratur ta' dik l-organizzazzjoni, ikun ħati ta' reat li jġorr il-piena ta' kontravenzjoni kemm-il darba l-azzjonijiet ta' dik il-persuna ma jkunux jikkostitwixxu reat aktar gravi taħt xi liġi oħra, f'liema każ il-piena tkun skond dik il-liġi. Min jagħmilha ta' amministratur u jagħmel ġbir pubbliku.

(2) Kull min jagħmel jew jipprova jagħmel ġbir pubbliku meta ma jkunx iskritt bħala organizzazzjoni volontarja taħt dan l-Att, ikun ħati ta' reat.

**34.** (1) Il-Kummissarju jista' jinvestiga dak li jkun qed jiġri f'organizzazzjoni volontarja f'kull waqt u jista' jitlob bil-miktub kull informazzjoni rilevanti li jkollha x'taqsam mat-tħaddim ta' organizzazzjoni volontarja jew ta' xi persuna involuta fl-attivitajiet ta' organizzazzjoni volontarja, jekk huwa jkollu għaliex jaħseb li dik l-informazzjoni tkun meħtieġa biex ikun jista' jistabbilixxi jekk Investigazzjonijiet.

organizzazzjoni tkunx qegħda taġixxi konformement mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu.

(2) Kull min jonqos milli jipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni kif hawn qabel imsemmi, u jeqred jew jgħarraq dokumenti, jew jipprova jeqred jew jgħarraq dokumenti, meħtieġa mill-Kummissarju konformement ma' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat.

(3) Il-Kummissarju jista' joħroġ direttivi li bihom jitlob konformità ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu u meta persuna tonqos milli tosserva direttivi bħal dawk hija għandha titqies bħala li tkun qegħda tikser dmirijietha.

(4) Il-Kummissarju jista' jagħti żmien biex ikun hemm konformità ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ma' regolamenti magħmulin taħtu u jista' jimponi pieni għal min jonqos milli jikkonforma ruħu f'dak iż-żmien:

Iżda pieni bħal dawk m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn elf lira (Lm1000) għal ksur ta' direttiva u minn ħamsin lira (Lm50) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità u dawk il-pieni għandhom jitħallsu fil-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji.

(5) Persuna jew organizzazzjoni li tirċievi komunikazzjoni skond din it-Taqsima ta' dan l-Att ikollha jedd tagħmel rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell jekk tkun tqis li dik l-investigazzjoni, direttiva, ordni jew piena ma tkunx waħda ġustifikata jew raġonevoli fiċ-ċirkostanzi u l-Bord ta' l-Appell jista' jagħti kull ordni li jikkunsidra li tkun hekk xierqa, u kull piena imposta mill-Kummissarju skond is-subartikolu (4) għandha tiġi sospiża sakemm tingħata deċiżjoni finali mill-Bord ta' l-Appell.

## TAQSIMA VIII

## KUNSILL GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Kunsill ghas-Settur tal-Volontarjat.

**35.** (1) Għandu jitwaqqaf korp li jkun magħruf bħala l-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat, li jkun jassisti lill-Kummissarju u jipprovdi forum għas-settur tal-volontarjat u bażi li minnha tiġi żviluppata koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet volontarji u l-Gvern, u koperazzjoni ta' organizzazzjonijiet volontarji bejniethom.

(2) Il-Kunsill ikun magħmul minn President u għaxar membri oħra, li wieħed minnhom jinħatar mill-Ministru biex jirrappreżenta lill-Gvern u d-disa' membri l-oħra jinħatru minn fost is-settur tal-volontarjat bil-għan li jirrappreżentaw lil dan is-settur.

(3) Il-membri tal-Kunsill li jinħatru biex jirrappreżentaw lis-settur tal-volontarjat għandhom ikunu jirriflettu d-diversi setturi li fihom ikunu joperaw l-organizzazzjonijiet volontarji u għandhom jinħatru mill-Ministru wara li jirċievi nomini li jkunu saru wara sejħa pubblika minnu stess kif ġej:

(a) ħames membri minn fost is-settur tal-volontarjat f'Malta kif ġej:

(i) tliet membri li jiġu nominati minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti skond dan l-Att;

(ii) membru wieħed li jiġi nominat minn organizzazzjonijiet volontarji li ma jkunux iskritti skond dan l-Att iżda li jkunu reġistrati skond m'hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

(iii) membru wieħed li jiġi nominat mill-organizzazzjonijiet volontarji li la jkunu iskritti skond m'hemm f'dan l-Att lanqas ma jkunu reġistrati skond m'hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

(b) erba' membri li għandhom jinħatru kif ġej:

(i) membru wieħed biex jirrappreżenta lil fundaturi u donaturi ta' organizzazzjonijiet volontarji;

(ii) membru wieħed biex jirrappreżenta lil membri ta' organizzazzjonijiet volontarji u lil voluntieri;

(iii) membru wieħed biex jirrappreżenta lil amministraturi ta' organizzazzjonijiet volontarji;

(iv) membru wieħed biex jirrappreżenta lil organizzazzjonijiet barranin u dawk internazzjonali:

Iżda meta jkun hemm aktar minn nomina waħda li tkun tirrappreżenta lil xi settur partikolari, il-Ministru għandu jaħtar lil dawk il-membri minn fost in-nomini li jkun irċieva:

Iżda wkoll meta ma jiġux riċevuti nomini, il-Ministru għandu jaħtar lil dawk il-membri fid-diskrezzjoni tiegħu.

(4) Il-Kummissarju jkun il-Viċi President tal-Kunsill u l-President ikun elett mill-membri l-oħra tal-Kunsill minn fosthom stess.

(5) Meta l-President ikun assenti minn Malta jew xort'oħra temporanjament ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonjiet tal-kariga li jkollu, il-Viċi President għandu jagħmilha ta' President u għandu jeżerċita s-setgħat u l-funzjonijiet kollha tal-President.

(6) Il-membri tal-Kunsill għandhom jinħatru għal perjodu ta' sentejn u jkunu eliġibbli biex jerġgħu jinħatru, meta jiskadi ż-żmien tal-kariga tagħhom, għal perijodi oħra ta' sentejn skond il-proċedura stabbilita f'dan l-artikolu.

(7) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regolamenti biex jirregola n-nomina, il-ħatra u t-tneħħija ta' membri tal-Kunsill.

(8) Persuna ma tkunx kwalifikata biex tinħatar jew biex ikollha kariga bħala membru tal-Kunsill jekk hija:

(a) tkun Imħallef, Maġistrat, Membru tal-Kamra tad-Deputati jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni fil-Kamra tad-Deputati jew Kunsill Lokali; jew

(b) tkun legalment inkapaċitata; jew

(ċ) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet komposizzjoni jew arranġament mal-kredituri tagħha; jew

(d) tkun instabet ħatja ta' xi reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew tkun xjentement laqgħet għandha proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi, jew ta' xi reat ieħor kontra dan l-Att.

(9) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Kunsill issir vakanti:

(a) meta jiskadi ż-żmien tal-kariga li jkollu;

(b) meta huwa jagħmel talba bil-miktub lill-Ministru, biex jirriżenja minn dik il-kariga; jew

(ċ) jekk jinħolqu ċirkostanzi illi, li kieku ma kienx membru tal-Kunsill, kienu jwassluh biex ikun skwalifikat milli jinħatar bħala membru tal-Kunsill.

(10) Il-Kunsill għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull tliet xhur u jitlaqqa' mill-President tiegħu:

Iżda l-President għandu wkoll ilaqqa' lill-Kunsill meta jiġi mitlub jagħmel dan mill-inqas minn tliet membri tiegħu.

(11) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

**36.** Il-Kunsill għandu: Funzjonijiet tal-Kunsill.

(a) ġeneralment jagħti pariri u jassisti lill-Kummissarju jwettaq il-funzjonijiet tiegħu;

(b) jagħti pariri u jassisti lill-Kummissarju fil-promozzjoni tas-settur tal-volontarjat b'mod ġenerali;

(ċ) jamministra l-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji;

(d) iwettaq dawk il-funzjonijiet u jkollu dawk is-setgħat skond ma jistgħu jingħatawlu mill-Ministru, minn żmien għal żmien, permezz ta' regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att.

## TAQSIMA IX

## FOND GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI

**37.** (1) Il-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji qiegħed b'dan jiġi mwaqqaf bħala fondazzjoni u għandu jiġi reġistrat skond ma hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili u jiġi iskritt bħala l-ewwel organizzazzjoni volontarja li tiġi iskritta skond ma hemm f'dan l-Att. Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji. Kap. 16.

(2) L-indirizz tal-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji ikun l-uffiċċju tal-Kummissarju jew kull indirizz ieħor skond ma l-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jidhirlu li jkun xieraq.

(3) L-objettivi tal-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji huma li din l-organizzazzjoni tkun ta' għajnuna u ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet volontarji li jkunu iskritti u dan billi jingħataw edukazzjoni, sostenn maniġerjali u għotjiet finanzjarji.

(4) Il-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jkun vestit bid-dritt li jkollu dħul u kapital skond ma hemm kontemplat bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti li jsiru taħtu:

Iżda l-artikolu 29 tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili ma għandux japplika għall-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji u Kap. 16.

l-ħtiġiet li hemm fih għandhom jiġu sostitwiti b'dikjarazzjoni li tkun iffirmata mill-Kummissarju.

(5) Il-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jkun amministrat mill-Kunsill li għandu jaħtar bord ta' amministraturi għal dak il-għan.

(6) Il-bord tal-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jkollu kull diskrezzjoni dwar kif iqassam id-dħul u l-kapital ta' dak il-Fond għall-finijiet imniżżlin fis-subartikolu (3) u għandu, sa mhux aktar tard mill-ħmistax ta' Frar ta' kull sena, jippreżenta lill-Kunsill rapport bil-miktub u dettaljat ta' dak kollu li jkun daħħal u ta' kull tqassim ta' dħul u kapital ta' dak il-Fond matul is-sena kalendarja li tkun għada kemm għaddiet.

(7) Ir-rappreżentanza legali tal-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji għandha tkun vestita fil-President tal-bord ta' amministraturi jew f'xi persuna oħra li tiġi nominata mill-bord għal dak il-għan.

## TAQSIMA X

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Attivitajiet kummerċjali.

**38.** (1) L-organizzazzjonijiet volontarji m'għandhomx jitwaqqfu għal skopijiet ta' kummerċ, lanqas ma għandhom jippromwovu l-interessi ta' xi azjenda kummerċjali, u lanqas ma għandhom fil-biċċa l-kbira jipparteċipaw fil-kummerċ.

(2) Meta organizzazzjoni volontarja tkun trid tagħmel xi attività kummerċjali biex tiġbor il-flus biex tilħaq l-iskopijiet tagħha, dik l-organizzazzjoni għandha twaqqaf entità legali għaldaqshekk u l-amministraturi ta' l-organizzazzjoni volontarja għandhom jiżguraw li dik l-attività ma tkunx tgħabbi lir-riżorsi umani u finanzjarji ta' dik l-organizzazzjoni aktar milli din tkun tiflaħ.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-għoti b'kiri jew b'kuntratt ta' amministrazzjoni ta' art jew bini jew proprjetà kummerċjali oħra lil terzi, fejn ebda servizz ma jingħata mill-organizzazzjoni volontarja, m'għandux jitqies bħala attività ta' negozju.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-attivitajiet li ġejjin magħmula minn organizzazzjoni volontarja bil-għan ewlieni li jintlaħqu l-iskopijiet ta' dik l-organizzazzjoni m'għandhomx jitqiesu bħala attività ta' negozju għall-finijiet ta' dan l-Att ukoll jekk tiġi riċevuta

rimunerazzjoni għal dawn is-servizzi li ġejjin mogħtijin minn dik l-organizzazzjoni:

(a) ħlasijiet għal servizzi edukattivi;

(b) korrispettiv għal bejgħ ta' oġġetti u servizzi mogħtijin lill-membri;

(ċ) ħlasijiet ta' dħul għal viżti f'mużewijiet ta' l-arti, esibizzjonijiet u mużewijiet jew għal attendenza għal attivitajiet teatrali jew mużikali;

(d) ħlas li jsir għal parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet organizzati għall-membri;

(e) ħlas għal akkomodazzjoni u kura residenzjali;

(f) kull dħul simili li jista' jkollu jitħallas lil organizzazzjonijiet volontarji stabbiliti għall-iskopijiet soċjali speċifiċi li jkunu ġew stabbiliti għalihom;

(g) kull klassi oħra ta' dħul skond ma tista' tiġi ordnata b'regolamenti magħmulin mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, lanqas ma għandu jitqies bħala attività kummerċjali l-investiment tal-proprjetà ta' organizzazzjoni volontarja.

(6) F'każ ta' dubju, għandha tingħata deċiżjoni mill-Kummissarju dwar jekk xi attività tkunx waħda kummerċjali jew le għall-finijiet ta' dan l-artikolu wara li ssirlu applikazzjoni għaldaqstant minn kull min jista' jkollu interess, u jkun jista' jsir appell minn dik id-deċiżjoni tiegħu quddiem il-Bord ta' l-Appell.

(7) Ebda organizzazzjoni volontarja ma tkun eżentata mill-obbligu li tikseb kull awtorizzazzjoni jew liċenza li jistgħu jkunu meħtieġa taħt kull liġi oħra għall-għemil ta' xi attività partikolari msemmija fis-subartikolu (4).

**39.** Il-Kummissarju jista', minn żmien għal żmien u wara li jikkonsulta lill-Kunsill, joħroġ linji gwida li jkollhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet volontarji u dawk il-linji gwida għandhom ikunu jorbtu lil dawk l-organizzazzjonijiet volontarji bħala kodiċijiet ta' prattika tajba. Linji gwida.

Spezzjon ta' dokumenti.

**40.** (1) Kull persuna tista', wara li tħallas id-dritt dovut, tara u takkwista kopji tar-Reġistru u ta' kull dokument li jkun ġie ppreżentat lill-Kummissarju minn xi organizzazzjoni volontarja.

(2) L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom jagħmlu l-istatut, ir-rapport annwali u l-kontijiet verifikati tagħhom aċċessibbli sabiex jiġu spezzjonati, mingħajr ebda ħlas, minn kull fundatur, amministratur jew membru ta' dik l-istess organizzazzjoni kif ukoll minn kull donatur jew benefiċjarju li jkun jissodisfa lill-amministraturi li jkollu interess f'dik l-informazzjoni.

(3) Jekk persuna tiċċaħad, mingħajr ebda raġuni ġustifikata, minn xi organizzazzjoni volontarja milli tara jew tikseb xi informazzjoni, hija tista' tilmenta mal-Kummissarju bil-miktub li mbagħad għandu jiddeċiedi dwar jekk dik il-persuna tkunx intitolata għal dik l-informazzjoni jew le skond dan l-artikolu filwaqt li jgħarraf bil-miktub lil min ikun għamel l-ilment bid-deċiżjoni tiegħu u bil-motivi għal dik id-deċiżjoni, u dan fi żmien raġonevoli:

Iżda l-Kummissarju għandu jgħarraf lill-organizzazzjoni volontarja rilevanti b'kull deċiżjoni li tittieħed skond dan is-subartikolu u kull min iħoss ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissarju jkollu dritt jappella quddiem il-Bord ta' l-Appell fi żmien ħamest ijiem mill-ġurnata meta jirċievi dik id-deċiżjoni tal-Kummissarju.

Setgħa li jsiru regolamenti.

**41.** (1) Il-Ministru ikollu s-setgħa li jagħmel regolamenti:

(a) li jirregolaw aktar lil organizzazzjonijiet volontarji, sew iskritti sew m'humiex, skond dan l-Att;

(b) li jistabbilixxu l-formoli għall-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja u għan-notifika ta' bidliet fl-istatut lill-amministraturi tagħha u xort'oħra;

(ċ) li jistabbilixxu l-forma u l-kontenut ta' ċertifikati li għandhom jinħarġu skond dan l-Att;

(d) li jistabbilixxu l-formoli u l-proċeduri li għandhom jintużaw għall-appelli skond dan l-Att;

(e) li jistabbilixxu regoli applikabbli għal ġbir pubbliku minn organizzazzjonijiet volontarji;

(f) li jirregolaw organizzazzjonijiet volontarji barranin jew internazzjonali li jkunu jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'Malta;

(g) li jistabbilixxu pieni għal ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(h) li jimplimentaw kull konvenzjoni internazzjonali jew kull regolament jew direttiva ta' l-Unjoni Ewropea, safejn dan ikun meħtieġ, li Malta tkun aderiet għalihom fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet volontarji jew tas-settur tal-volontarjat;

(i) li jirregolaw l-għamla tal-*Panels* Konsultattivi u li jirregolaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-*Panels* Konsultattivi u mill-persuni li jiġu maħturin fuq dawk il-*Panels*;

(j) li jirregolaw il-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji u l-pattijiet u r-rati ta' mgħax fuq self li jsir mill-Fond u l-kondizzjonijiet ta' garanziji li jistgħu jingħataw minn dak il-Fond;

(k) li jippreskrivu regoli fuq il-posizzjoni ta' voluntieri fir-rigward tal-prinċipali tagħhom meta dawk il-voluntieri jkunu jixtiequ jwettqu xi attività volontarja, f'Malta jew barra minn Malta, għal perijodi li jkunu jaqbżu ż-żmien ta' frank li jkollhom jedd għalih;

(l) li jippreskrivu regoli dwar is-setgħat tal-Bord ta' l-Appell għar-rigward ta' l-interpretazzjoni jew it-tibdil li jsir f'xi statut u fl-amministrazzjoni ta' organizzazzjonijiet volontarji;

(m) li jistabbilixxu l-forma u l-kontenut ta' rapporti u kontijiet annwali li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissarju biex jintlaħaq livell sodisfaċenti ta' trasparenza u kontabilità ta' organizzazzjonijiet volontarji;

(n) li jestendu, jiċċaraw jew jiddefinixxu l-funzjonijiet tal-Kummissarju taħt dan l-Att u li jipprovdu għal kull ħaġa anċillari u relatata;

(o) li jistipulaw kondizzjonijiet jew linji gwida biex il-Kummissarju jkun jista' jawtorizza lil xi federazzjoni jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet volontarji li jkunu jridu joperaw bħala korp regolatorju fuq il-membri tiegħu u l-attivitajiet tagħhom;

(p) għat-twettiq aħjar ta' kull disposizzjoni ta' dan l-Att.

(2) Il-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jagħmel regolamenti li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istatus fiskali ta' organizzazzjonijiet volontarji, inklużi regoli differenti għal

kategoriji differenti jew klassifikazzjoni ta' skopijiet differenti, u jista' jistabbilixxi l-kriterji biex jagħti xi eżenzjonijiet bħal dawk, għalkollox jew biss f'parti, minn xi liġi li għandha x'taqsam mat-tassazzjoni, dazji jew imposti oħra, kif ukoll regoli fiskali fuq l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet volontarji u donazzjonijiet li jsiru lil dawk l-organizzazzjonijiet. Regolamenti bħal dawk jistgħu wkoll jistabbilixxu l-pattijiet, kondizzjonijiet u forom ta' ċertifikati fiskali, riċevuti jew dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa għat-tgawdija ta' l-istatus fiskali u regolamenti hawn qabel imsemmija.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-iskop ta' dan l-Abbozz hu biex jirregola organizzazzjonijiet volontarji, biex iwaqqaf il-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji u biex jipprovdi dwar il-privileġġi li għandhom jitgawdew minn organizzazzjonijiet iskritti bħal dawk.

Dan l-Abbozz jistabbilixxi wkoll ir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet Volontarji u l-Kunsill tas-Settur tal-Volontarjat.